

# Iċ-ċirkustanzi soċjali tal-Lhud fil-Palestina u d-Diaspora fi żmien il-Ġdid Testment

Iż-żmien tal-Ġdid Testment huwa żmien l-espansjoni ta' l-Imperu Ruman. Fil-Provinċji ta' l-Imperu il-ġurisdizzjoni suprema kienet f'idejn ir-Rumani li mbagħad ħallew intatti ħafna miċ-ċirkostanzi legali u politiċi. Allura, per eżempju, fi żmien il-ħakma ta' Erodi l-Kbir, fil-Palestina kellna stat Lhudi; u anke meta fis-sena 6 wara Kristu l-Lhudija waqgħet taħt il-ġurisdizzjoni diretta ta' Gvernatur Ruman, is-Sanhedrin seta' jkompli jeżerċita l-uffiċċju tiegħu bħala l-awtoritàLhudija suprema. L-ogħla poter ġudizzjarju kien f'idejn il-Gvernatur Ruman, imma s-Sanhedrin kellu d-dritt li jkompli jorganizza il-kult fit-Tempju ta'

Ġerusalemm u l-karattru tal-ħajja Lhudija. Il-Lhud biss kellhom joqogħdu attenti li jipprovokaw l-awtoritajiet Rumani.

Il-Lhud tad-Diaspora, jiġifieri dawk li kienu jgħixu barra l-Palestina, kellhom il-protezzjoni tal-privileġġi li l-Imperatur Ruman kien tahom. Setgħu iwaqqfu sinagogi, jorganizzaw il-kult u jinsistu fuq l-osservanza tal-Liġi ta' Mose' fost il-Lhud. Anke jekk din l-osservanza kienet tiddistingwihom mill-oħrajn, huma kienu parti integrali tas-soċjetà in ġenerali u fosthom wieħed seta' jsib merkanti żgħar, ħaddiema tas-sengħa, atturi u saħansitra tallaba!

Iċ-ċirkustanżi ekonomiċi tal-Lhud fil-Palestini nistgħu ngħidu li kienu modesti. Kienu biss gruppi żgħar ta' nies, mill-klassi għolja f'Ġerusalemm u l-proprjetarji fil-Galilija li nistgħu ngħidu li kienu qegħdin tajjeb ħafna. Il-biċċa l-kbira tal-poplu kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum mill-biedja, mis-snajja' u minn xi negozju żgħir. Il-biedja kienet aktar ikkonċentrata fit-tramuntana, filwat li l-Lhudija kienet tippresta ruħha aktar għall-mergħat tal-bhejjem. Madwar il-Baħar tal-Galilija ħafna kienu jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum mis-sajd filwaqt li fil-Wied tal-Ġordan wieħed seta' jsib il-koltivazzjoni tad-dwieli u tas-siġar tat-tin. Kulħadd kellu jaħdem iebes biex igħix… barra l-pubblikani li kienu jiġbru t-taxxi f'isem ir-Rumani. Kien żmien ta' faqar u miżerja, anke jekk f'Ġerusalemm wieħed seta' jsib diversi swieq li ħolqu ftit prosperità In-nies ta' Ġerusalemm kellhom fama mhux dejjem tajba f'dak li għandu x'jaqsam mal-bejgħ! Is-serq kien komuni ħafna fit-toroq li kienu jieħdu lejn Ġerusalemm u għal ħafna raġunijiet bħal dawn diversi familji Lhud kienu jippreferu jemigraw u jgħixu fil-komunitajiet Lhud fid-Diaspora.

Il-familja Lhudija kienet tgħix f'dar żgħira. Bil-lejl kulħadd kien jintasab f'kamra waħda (Lq 11, 7). Il-missier kien jaqla' l-ħobża ta' kuljum biex jindokra lill-familja tiegħu u jgħallem il-Liġi ta' Mose' lil uliedu subien. Il-mara ma kenitx titqies indaqs mar-raġel.

Fil-Ġudajiżmu iż-żwieġ kien jitqies bħala kmandament divin (Ġen 1, 28). Iż-żwiġijiet kienu jsiru fiż-żgħożija bikrija: l-irġiel kienu jiżżewġu bejn it-tmintax u l-erbgħa u għoxrin sena, filwaqt li l-mara kien ikollha bejn tnax u erbatax-il sena. Bl-għerusija iż-żgħażagħ kienu jitqiesu bħala legalment ta' xulxin u din kienet issir permezz ta' ftehim legali ma' missier il-mara. Qabel iż-żwieġ ir-raġel kellu jwiegħed f'sem il-mara obbligazzjoni ta' somma ta' flus li tingħata lill-mara fil-każ li jiddivorzjaha jew fil-każ li jmut. L-għerusija setgħet tinħall biss permezz tal-kitba tad-divorzju, u wara ż-żwieġ id-divorzju kien prerogativa tar-raġel li seta' jibgħat lil martu bil-kitba tad-divorzju. Minħabba s-somma tal-flus li kellha tingħata fil-każ tad-divorzju, dan ma kienx komuni!

In-nisa kienu jitqiesu bħala inferjuri għall-irġiel: fil-fatt ma setgħux ikunu xhud fil-qorti u lanqas setgħu jieħdu parti attiva fil-kult. Fit-Tempju kellhom biss permess li jaslu sal-Bitħa tan-Nisa u fis-sinagoga setgħu biss jipparteċipaw billi jisimgħu. Kienu obbligati jħarsu l-projbizzjonijiet tal-Liġi ta' Mosè imma ma kinux obbligati jżommu l-kmandamenti kollha jew jistudjaw l-istess Liġi.

L-ilsiera, bħan-nisa, kienu obbligati jħarsu l-projbizzjonijiet tal-Liġi ta' Mosè imma ma kenux obbligati jżommu l-kmandamenti kollha. Sid Lhudi kellu jeħles lill-ilsiera fis-sena sabbatika, jigifieri almenu seba' snin wara li jkun daħħalhom miegħu. Għaliex l-ilsir Lhudi kellu l-protezzjoni tal-Liġi ta' Mosè l-ilsiera mhux Lhud li kellhom jaħdmu ma' sidien Lhud, spiss kienu jduru lejn il-Ġudajiżmu bħala proseliti. Imma rridu niftakru li peress li ftit kienu n-nies għonja fil-Palestina, il-preżenza ta' ilsiera kien żgħir. Barra minn hekk, il-Lhud li kienu jinbiegħu ilsiera, spiss kienu jsibu Lhud ħuthom li kienu jħallsulhom biex jifduhom. Dawn kienu jissejħu ħielsa u kellhom anke s-sinagogi tagħhom (Atti 6, 9)

**Marcello Ghirlando OFM**